31993L0065

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/65/KEE

tad-19 ta' Lulju 1993

dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għall-prokura ta' tagħmir u sistemi ta' l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi t-trasport ta' l-ajru fl-Ewropa huwa bħalissa taħt sforz konsiderevoli minħabba konġestjoni ta' traffiku ta' l-ajru;

Billi, s'issa, sistemi ta' tmexxija ġew żviluppati u ġew aġġornati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), li jippermettu interpretazzjoni nazzjonali jew lokali;

Billi definizzjoni u introduzzjoni ta' standards tal-Komunità hija approċċ effettiv għat-tmexxija ta' traffiku ta' l-ajru ġenerali minħabba li s-sitwazzjoni preżenti, bażata fuq sistemi nazzjonali jew lokali rriżultat f'inkompatibbilitajiet tekniċi u operattivi li issa jtellfu t-trasferiment ta' titjiriet kontrollati bejn korpi tal-kontrol ta' traffiku fi Stati Membri differenti;

Billi wieħed għandu jżomm f'moħħu x-xogħol importanti li sar mill-Konferenza Ewropea ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) u l-Eurocontrol fis-settur ta' tmexxija ta' traffiku ta' l-ajru u l-konklużjonijiet relevanti adottati mill-Ministri ta' l-ECAC f'April 1990 u f'Marzu 1992;

Billi għandha ssir integrazzjoni funzjonali biex tirranġa l-konġestjoni ta' traffiku u ttejjeb l-fluss tat-traffiku f'terminu qasir;

Billi l-proċess ta' armonizzazzjoni u integrazzjoni jkun iffaċilitat jekk l-Istati Membri kollha jaċċettaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Kooperazzjoni għas-Sigurtà fin-Navigazzjoni ta' l-Ajru;

Billi, skond risoluzzjoni 89/Ċ 189/02 ([4]), il-proċess ta' sħubija ta' l-Istati Membri kollha bħala partijiet kontraenti għal Konvenzjoni Internazzjonali dwar Kooperazzjoni għas-Sigurtà ta' Navigazzjoni ta' l-Ajru tiġi iffaċilitata jekk dawk l-istati Membri li huma diġà partijiet kontraenti għal dik il-Konvenzjoni jippruvaw ma' Eurocontrol biex jadottaw, fejn xieraq miżuri immirati biex tiffaċilita dik is-sħubija;

Billi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati mill-Eurocontrol jikkonformaw ma' standards u prattiċi rakkommandati mill-ICAO;

Billi l-Kummissjoni, assistita minn Kumitat ta' rappreżentanti ta' Stati Membri għandhom ikunu awtorizzati, skond il-proċedura mniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/373/KEE tat-13 ta' Lulju 1987 li tistabbilixxi il-proċeduri għal eżerċizju ta' poteri ta' implimentazzjoni mgħotija lil Kummissjoni ([5]), biex jagħmlu ċerti standards tal-Eurocontrol mandatorji f'livell Komunitarju;

Billi standardizzazzjoni Ewropea hija fattur importanti biex tistabbilixxi livell konsistenti ta' sigurtà fit-tmexxija ta' traffiku ta' l-ajru; billi l-Eurocontrol u awtoritajiet ta' standardizzazzjoni Ewropej għandhom jikkoperaw ma' xulxin;

([1]) ĠU C 244, tat-23.9.1992, p. 16.
([2]) L-opinjoni mogħtija fil-25 ta' Ġunju 1993 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 19, tal-25.1.1993, p. 39.
([4]) ĠU C 189, tas-26.7.1989, p. 3.
([5]) ĠU C 197, tat-18.7.1987, p. 33.

Billi għandu jiġi speċifikat li skond id-direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 illi tistabbilixxi proċedura għal għoti ta' informazzjoni fis-settur ta' standards tekniċi u regolamenti [1] il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta ma' Eurocontrol, tagħti lil korpi ta' standardazzjoni Ewropej mandati biex jagħmlu standards Ewropej biex jipprovdu appoġġ għassistemi ta' tmexxija ta' traffiku ta' l-ajru;

Billi fil-każ ta' tagħmir li huwa marketed legalment fi Stat Membru jista' jiċċaqlaq liberament fit-territorji ta' l-Istati Membri l-oħra;

Billi l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Kooperazzjoni għassigurtà ta' Navigazzjoni ta' l-Ajru tistabbilixxi l-Eurocontrol bħala l-istrument appropjat biex tieħu l-miżuri neċessarji biex isolvu l-problemi preżenti fl-Ewropa;

Billi s-sigurtà hija fattur importanti fi trasport ta' l-ajru fil-Komunità; billi din id-Direttiva għandha tikkonsidra l-eżistenza tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Internazzjonali Ċivili, firmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, li tipprovdi għal implimentazzjoni ta' kull miżura li huma meħtieġa biex jassiguraw issigurtà u l-iżvilupp ordnat fl-avjazzjoni ċivili internazzjonali;

Billi d-Direttivi tal-Kunsill 77/62/KEE ta' l-21 ta' Diċembru 1976 li tikkoordina il-proċeduri għal għotja ta' kuntratti ta' forniment pubbliku [2] u 90/531/KEE tas-17 ta' Settembru 1990 fuq il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, enerġija, trasport u telekommunikazzjoni [3] japplikaw għat-tmexxija ta' traffiku ta' l-ajru u l-entitajiet li jagħtu għandhom jiġu speċifikati;

Billi f'ċerti Stati Membri l-akkwist ta' tagġmir ta' navigazzjoni ta' l-ajru mhuwiex kopert b'din id-Direttiva msemmija; billi iżda, l-istandards ta' l-Eurocontrol inkorporati fis-sistema legali tal-Komunità jridu jiġu osservati fl-Istati Membri kollha,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tapplika għad-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibili għall-akkwist ta' tagħmir u sistemi ta' l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru, b'mod partikolari:

- sistemi ta' komunikazzjoni,
- sistemi ta' sorveljanza,
- sistemi li jipprovdu assitenza awtomatika għal kontrol ta' traffiku ta' l-ajru, u
- sistemi ta' navigazzjoni.

L-Artikolu 2

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

(a) speċifikazzjoni teknika tfisser ir-rekwiżiti tekniċi inklużi, b'mod partikolari, fid-dokumenti ta' offerta li jiddefinixxu l-karatteristiċi ta' biċċa xogħol, materjal, prodott jew forniment, u jagħmilha possibbli li tiddefinixxi biċċa xogħol, materjal, prodott jew forniment oġġettivament b'tali manjiera li tissodisfa l-użu li għaliha hi maħsubha mill-entita kontraenti. Preskrizzjonijiet tekniċi simili jistgħu jinkludu kwalità, wirja, sigurtà u dimensjonijiet, kif ukoll bħala rekwiżiti applikabli għal materjal, prodott jew forniment dwar assigurazzjoni ta' kwalità, terminoloġija, simboli, *testing* u metodi ta' *testing*, ippakkjar, markar u ittikkettjar;

(b) standard ifisser speċifikazzjoni teknika approvata minn korp ta' standardizzazzjoni rikonoxxut għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa, it-tħaris ta' liema mhux inprinċipju obligatorju;

(ċ) Standard Eurokontol ifisser l-elementi mandatorji ta' speċifikazzjonijiet ta' l-Eurocontrol għal karatteristiċi fiżiċi, konfigurazzjoni, materjal, eżekuzzjoni, personnel jew proċedura, li l-applikazzjoni uniformi tagħha hija rrikonoxxuta bħala essenzjali għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' servizzi ta' traffiku ta' l-ajru integrati (ATS) (l-elementi mandatorji jiffurmaw parti mid-dokument standard ta' l-Eurokontrol).

L-Artikolu 3

1. Il-Kummisjoni għandha, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 6, tidentifika u tadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u emendi ta' l-Eurocontrol sussegwenti għal dawk l-istandards ta' l-Eurocontrol, b'mod partikolari dwar dawk iż-żoni mniżżla f'Anness 1, li jkunu mandatorji taħt il-liġi tal-Komunità. Il-Kummissjoni tippubblika r-referenzi ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha li saru mandatorji fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. Sabiex tassigura li l-Anness 1, li jniżżel l-istandards ta' l-Eurocontrol li għandhom jiġu prodotti, jkun kemm jista' jkun komplet, il-Kummissjoni, filwaqt li ssegwi l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 6 u b'konsultazzjoni ma' l-Eurocontrol, tista', fejn appropriat, temenda l-Anness I skond emendi magħmula mill-Eurocontrol,

[1] ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/400/KEE (ĠU L 221, tas-6.8.1992, p. 55).
[2] ĠU L 13, tal-15.1.1977, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/50/KEE (ĠU L 209, ta' l-24.7.1992, p. 1).
[3] ĠU L 297, tad-29.10.1990, p. 1.

3. Ir-Repubblika Taljana u r-Renju ta' Spanja jistgħu jipposponu l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għal sena. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu dawk l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw l-istandards Eurocontol il-Kunsill għandu, skond it-trattat, jiddeċiedi fuq l-azzjoni approprjata li trid tittieħed.

L-Artikolu 4

Biex tikkumplimenta fejn neċessarju, il-proċess ta' implimentazzjoni ta' standards ta' l-Eurocontrol il-Kummissjoni tista' tagħti mandati ta' standardizzazzjoni lil korpijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej skond id-Direttiva 83/189/KEE u b'konsultazzjoni mal-Eurocontrol.

L-Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 77/62/KEE u 90/531/KEE l-Istati Membri jieħdu kull pass meħtieġ biex jassiguraw li fid-dokumenti ġenerali jew speċifikazzjonijiet dwar kull kuntratt l-entitajiet ċivili definiti fl-Anness II jirreferu għal speċifikazzjonijiet adottati skond din id-Direttiva meta jinxtara tagħmir ta' navigazzjoni ta' l-ajru.

2. Biex tassigura li l-Anness II huwa kemm jista' jkun komplut, l-Istati Membri jinnotifikaw il-Kummissjoni b'tibdiliet li jsiru lil-listi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness II skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 6.

L-Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni tkun assistita minn Kumitat li jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-Istati Membri u preseduti min rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jagħti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li ser jittieħdu. Il-kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'terminu ta' żmien li jistabbilixxi l-President skond l-urġenza tal-kwistjoni. L-opinjoni tittieħed millmaġġoranza mniżżla fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat f'każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill jeħtieġ jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-kumitat jiġu peżati skond kif imniżżel f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsubha jekk huma skond l-opinjoni tal-Kumitat.

4. Jekk il-miżuri maħsuba mhumiex skond l-opinjoni tal-Kumitat jew jekk il-Kumitat ma jagħtix opinjoni il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tissottometti lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

5. Jekk il-Kunsill ma jaġixxix fi żmien tliet xhur tar-referenza lilu l-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti sakemm il-Kunsill ma jiddeċidiex kontra dawk il-miżuri b'maġġoranza sempliċi.

L-Artikolu 7

Fl-eżerċizzju tal-poteri tagħha l-Kummissjoni għandha regolarment tikkonsulta r-rappreżentanti Ewropej relevanti ta' korpijiet ta' navigazzjoni ta' l-ajru, ta' dawk li jużaw l-ispazju ta' l-ajru u ta' entitajiet professjonali. Għandha tinforma lill-kumitat bir-riżultat tal-konsultazzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 6.

L-Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha regolarment tissottometti rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq l-operazzjoni ta' l-arranġamenti provduti f'din id-Direttiva, akkumpanjat, jekk neċessarju minn proposti għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 3 u 4.

2. Kull sena l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull miżura li introduċew biex jiksbu l-għanijiet imniżżla f'din id-Direttiva.

L-Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet neċessarji biex huma josservaw din id-Direttiva fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan kollu.

Meta Stati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet huma għandhom jinkludu referenzi għal din id-Direttiva jew jakkumpanjawhom b'din ir-referenzi fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-manjiera li jsiru dawn ir-referenzi.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali ta' liġi nazzjonali li huma jadottaw fis-settur kopert b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan kollu.

L-Artikolu 10

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

W. CLAES

L-ANNESS I

Standards ta' l-Eurocontrol imsemmija fl-Artikolu 3

Lista indikattiva

Sistemi ta' komunikazzjoni

Tpartit ta' informazzjoni dwar pjanijiet ta' titjiriet. (format ta'messaġġ) (**)

Tpartit ta' informazzzjoni dwar radar (*Asterix message format*:) (**)

Sistemi ta' Telefon għal ATS (**)

On-line data interchange (OLDI) (*)

Automated SSR-code-assignment systems (**)

Sistemi ta' Navigazzjoni

RNAV (**)

Separazzjoni tar-radar (***)

Short-term-conflict alert (STCA) (***)

Sistemi ta' sorveljanza

Speċifikazzjonijiet ta' sorveljanza (**)

Użu maqsum ta' faċilitajiet ta' *radar* (***)

(*) Eżistenti.
(**) Abbozzat.
(***) Abbozzar ma bediex.

L-ANNESS II

ENTITAJIET RESPONSABBLI GĦAX-XIRI TA' TAGĦMIR TA' NAVIGAZZJONI TA' L-AJRU EUROCONTROL

Eurocontrol
rue de la Loi, 72
B-1040 Brussel

Il-Belġju

Régie des Voies Aériennes
CCN – Rue du Progrès 80
B-1210 Brussel

Id-Danimarka

Statens Luftfartsvaesen
(Amministrazzjoni ta' Avjazzjoni Ċivili)
Kaxxa Postali 744
DK-Copenhagen SV

Il-Ġermanja

DFS Deutsche Flugsicherung GMBH
Kaiserleistr. 29-35
D-6050 Offenbach am Main

Il-Greċja

Ministeru ta' Trasport u Kommunikazzjoni
Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Amministrazzjoni Finanzjara u Direttorat ta' l-Akkwist
Taqsima tax-xiri

Indirizz postali

Vasileos Georgiou 1
PO Box 73751
16 604-Elliniko
GR-Ateni
Telephone (0030-1-) 89 47 71 21

Spanja

AENA (Aeropuertos Españoles y Navegación Aérea)
Calle Santa Engracia, 120
E-Madrid

Franza

Le Directeur général de l'aviation civile
93 boulevard du Montparnasse
F-75270 Paris Cedex 06

li jiddelega b'mod partikolari lil:

– Monsieur le chef du service technique de la navigation aérienne
246 rue Lecourbe
F-75732 Paris Cedex 15

– Monsieur le directeur général des aéroports de Paris
291 boulevard Raspail
F-75675 Paris Cedex 14

L-Irlanda

Id-Dipartiment tat-Turiżmu, Trasport u Komunikazzjoni
Uffiċċju ta' servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru
Diviżjoni ta' Servizzi Korporati
Scotch House
Hawkins Street
IRL-Dublin 2

L-Italja

AAAVTAG
Azienda Autonoma Assistenza al Volo per il Traffico Aereo Generale
Via Salaria, 715
I-00138 Ruma

Il-Lussemburgu

Ministère des Transports
Direction de l'Aviation civile
L-2938 Lussemburgu

L-Olanda

Luchtverkeersbeveiliging
Postbus 7601
NL-1118 ZJ Luchthaven Schiphol

Il-Portugall

Empresa Pública de Aeroportos e Navegaçao Aérea (ANAep)
Avenida Sidónio Pais, n.º 8-5.º
P-1000 Lisbona

Akwiżizzjonijiet għal ajruporti u mitjar żgħar magħmula mill-awtoritajiet lokali jew minn gvernijiet reġjonali.

R-Renju Unit

Awtorità ta' Avjazzjoni Ċivili
CAA House
45-59 Kingsway
UK-Londra WC2B 6TE

Highlands & Iceland Airports Ltd (HIAL)
Ajruport ta' Inverness
UK-Inverness